MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 307/2009

**MAGRO BROTHERS (FOODS) LIMITED (C – 29020)**

vs

Robert **CLARK** u Lindsay Clark

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-26 ta' Marzu, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrkin, jew min minnhom, għandhom jagħtu lill-istess kumpannija attriċi s-somma ta' ta' seba' mija u disat elef disa' mija u ħamsa u ħamsin euro u tmienja u sebgħin ċenteżmi (€709,955.78) rappreżentanti l-bilanċ dovut bis-saħħa ta' ftehim ta' provvista ta' prodotti li l-kumpannija attriċi forniet lill-kumpannija barranija Clark Foods Limited, li tagħha l-imħarrkin kienu personalment intrabtu solidalment magħha bis-saħħa ta' ftehim tal-għoxrin (20) ta' Marzu, 2002, kif ukoll bil-ftehim addizzjonali tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar, 2006, liema ammont huwa magħmul minn mitejn u sitta u tmenin elf sitt mija u seba' liri Sterlini u tnejn u sebgħin *pence* (£286,607.72)[1] u l-ammont ta' tliet mija u tmienja u erbgħin elf tmien mija u tletin euro u sitt ċentezmi (€348,830.06); u (b) li tikkundanna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, iħallsuha dik is-somma. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat ir-Rikors imressaq mill-kumpannija attriċi dak inhar li tressaq ir-Rikors Maħluf, li bih talbet li n-notifika tal-atti ssir skond ir-Regolament 1393/2007 tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja;

Rat in-Nota mressqa fis-17 ta' Ġunju, 2009, mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili li biha irriżulta li l-imħarrek kien laqa' n-notifika tal-atti tar-Rikors Maħluf fl-1 ta' Ġunju, 2009[2];

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat tal-kumpannija attriċi waqt is-smigħ tat-23 ta' Ġunju, 2009[3], li biha għarraf lill-Qorti r-raġuni għaliex l-imħarrkin kienu għadhom ma ressqux Tweġiba Maħlufa sa dak inhar;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin fl-1 ta' Lulju, 2009, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu, b'mod preliminari, li fid-dawl tal-artikoli 2 u 5(1) tar-Regolament tal-Kunsill Numru 44/2001, kienet tonqos fil-

[1] Li, bir-rata maqbula mill-partijiet ta' € 1.26 għal kull £1, jġibu € 361,125.72
[2] Paġ. 76 tal-proċess
[3] Paġ. 81 tal-proċess

Qorti Maltija l-ġurisdizzjoni li tisma' l-każ u li l-liġi applikabbli għal-każ ma kinitx il-liġi Maltija imma l-liġi ingliża. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li s-somma mitluba mill-kumpannija attriċi ma kenitx dovuta;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-21 ta' Ottubru, 2009[4], li bih l-għaref difensur tal-kumpannija attriċi qajjem il-kwestjoni tas-siwi tat-Tweġiba mressqa mill-imħarrkina, ladarba din tressqet aktar minn għoxrin (20) jum wara li kienet saret in-notifika;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Novembru, 2009, li bih ordnat li ssir it-trattazzjoni dwar it-talba tal-kumpannija attriċi biex it-Tweġiba Maħlufa tal-imħarrkin titneħħa mill-atti tal-kawża;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet dwar l-imsemmi episodju;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Mejju, 2010, li bih ħalliet il-kawża għall-provvediment dwar is-siwi tar-Risposta Maħlufa mressqa mill-imħarrka;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-kwestjoni li din il-Qorti trid tistħarreġ hija dwar jekk it-Tweġiba Maħlufa mressqa fl-14 ta' April, 2008, tiswiex ladarba tressqet fl-atti aktar minn għoxrin jum wara li l-parti mħarrka laqgħet in-notifika tal-atti tar-Rikors Maħluf flimkien mal-Avviż tas-Smigħ;

Illi l-kwestjoni kollha tolqot il-qagħda tal-imħarrkin f'din il-kawża u, b'mod partikolari, jekk humiex kontumaċi jew le;

Illi mill-fatti rilevanti dwar dan l-episodju li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li ftit jiem qabel ma nfetħet din il-kawża,

[4] Paġ. 89 tal-proċess

l-kumpannija attriċi (aktar 'il quddiem imsejħa "Magro"), permezz ta' ditta ta' avukati li hija qabbdet fir-Renju Unit[5], bagħtet titlob lill-imħarrek biex jissalda bilanċ li Magro tippretendi li huwa dovut b'riżultat ta' konsenji u bejgħ ta' prodotti tal-ikel lil kumpannija tal-istess imħarrek u dan bis-saħħa ta' ftehim li Magro kellha mal-imħarrek u l-kumpannija tiegħu sa mill-2002. Ftit jiem qabel[6], Magro kienet waslitilha avviż li l-imsemmija kumpannija kienet tqiegħdet taħt Amministrazzjoni. Wara li sar skambju ta' korrispondenza bejn id-ditti tal-avukati tal-partijiet, li ma wassalx għal soluzzjoni dwar il-pretensjonijiet ta' Magro, fis-26 ta' Marzu, 2009, infetħet din il-kawża;

Illi sadattant, baqgħet għaddejja korrispondenza (elettronika) bejn l-uffiċċji legali li jirrappreżentaw lill-partijiet, u kien sar suġġeriment min-naħa ta' Magro li ssir laqgħa bejniehom f'Londra fit-12 ta' Ġunju, 2009[7]. Dan is-suġġeriment intlaqa' fit-22 ta' Mejju, 2009. L-imħarrek laqa' n-notifika tal-atti tal-kawża u tal-Avviż tas-Smigħ fl-1 ta' Ġunju, 2009[8]. Minħabba f'hekk, fl-4 ta' Ġunju, 2009[9], id-ditta tal-avukati tal-imħarrek bagħtet tistaqsi lill-avukat ta' Magro jekk kienx ikun iżjed għaqli li, ladarba kellha ssir il-laqgħa bejn il-partijiet u l-avukati tagħhom f'Londra l-ġimgħa ta' wara, jittawwal iż-żmien li fih l-imħarrkin kellhom iressqu l-kontestazzjoni tagħhom għall-azzjoni attriċi;

Illi b'*e-mail* mibgħut mill-avukat ta' Magro fil-5 ta' Ġunju, 2009[10] bagħat jgħarraf lill-avukat tal-imħarrek li "*We have no problem in allowing you an extension to file the submissions as from the 12th June, 2009. This commitment is enough under Maltese law and I bind myself to grant your Maltese lawyers an undertaking on the same submissions they will be filing here in Malta*". Il-laqgħa nżammet f'Londra fit-12 ta' Ġunju, 2009, imma ma ntlaħaqx ftehim aħħari;

---

[5] Dok "IJS6", f'paġġ. 36 – 7 tal-proċess
[6] Dok "IJS3", f'paġġ. 17 – 8 tal-proċess
[7] Dok "IS7", f'paġ. 109 tal-proċess
[8] Dok "A", f'paġġ. 76 – 9 tal-proċess
[9] Dok "IS9", f'paġ. 116 tal-proċess
[10] Dokti "RCA" u "IS9", f'paġġ. 102 u 115 tal-proċess

Illi fil-15 ta' Ġunju, 2009, intbagħtet *e-mail* oħra lill-avukat ta' Magro minn ditta oħra ta' avukati li l-imħarrek kien ħatar biex tistaqsih jekk kienx qiegħed jikkonferma t-tiġdid taż-żmien biex titressaq it-Tweġiba Maħlufa. L-avukat ta' Magro wieġeb l-għada[11] u ikkonferma li l-għoxrin jum kellhom jibdew jgħaddu mit-12 ta' Ġunju, u talab lill-avukat ta' l-imħarrek biex tibgħat tgħidlu min kienu l-avukati li l-imħarrek kien se' jqabbad f'Malta, ħalli jkun f'qagħda li jagħti l-firma tiegħu fuq l-att imressaq minnu. Fit-23 ta' Ġunju, 2009, l-avukat ta' Magro deher quddiem din il-Qorti waqt is-smigħ ta' dak inhar u fisser għaliex sa dak inhar m,a kinitx tressqet it-Tweġiba Maħlufa. It-Tweġiba Maħlufa tressqet fl-1 ta' Lulju, 2009, f'isem iż-żewġ imħarrkin;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet legali</u> li l-Qorti trid tagħmel b'rabta mal-episodju li nqala' f'din iċ-ċirkostanza jridu jintrabtu fl-ewwel lok mal-effetti li ġġib magħha t-talba ta' Magro, u wkoll maċ-ċirkostanzi li wasslu biex it-Tweġiba Maħlufa titressaq wara li kienu għaddew l-għoxrin jum. Dan qiegħed jingħad għaliex jekk kemm-il darba kellha tintlaqa' t-talba ta' Magro biex titneħħa mill-atti t-Tweġiba Maħlufa tal-imħarrkin, jiġri li dawn jitqiegħdu fi stat ta' kontumaċja;

Illi ma hemm l-ebda dubju li t-Tweġiba Maħlufa tressqet wara li kien għalaq iż-żmien mogħti mil-liġi[12] u li, f'ċirkostanzi normali, dan in-nuqqas iwassal għat-tneħħija tal-att bħala wieħed li jonqos li jħares partikolarita' essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi[13];

Illi dwar il-kontumaċja, kif ġie deċiż minn dawn il-Qrati għadd ta' drabi, din m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni ta' dak li qieghed jintalab mill-parti attriċi: għall-kuntrarju, il-kontumaċja ġeneralment titqies bħala kontestazzjoni[14], u l-bdil li sar fil-liġi proċedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min-naħa l-oħra, l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb

[11] Dok "IS10", f'paġ. 112 tal-proċess
[12] Art. 158(1) tal-Kap 12
[13] Art. 789(1)(d) tal-Kap 12
[14] Ara App. Ċiv: **6.11.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġ. Ġerada vs S. Attard*** (Kollez. Vol: **XLIII.i.545**)

għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għamil li jistħoqqlu sanzjoni – dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi – bħala element ta' disordni soċjali[15];

Fuq ix-xaqliba l-oħra, u minħabba l-effett irriversibbli li l-kontumaċja ġġib magħha, l-Qrati tagħna ddeċidew li r-rigorosita' tal-proċedura għandha tiġi applikata u mfissra b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun soddisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naħa tal-persuna mħarrka li jista' jammonta għal ħtija, m'għandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li l-kontumaċja titqies ġustifikabbli[16]**;**

Illi jrid jingħad ukoll li meta u jekk il-Qorti ssib li l-kontumaċja ta' persuna mħarrka hija ġustifikabbli u tħalli lil dik il-parti tressaq id-difiża tagħha, ma tkunx b'daqshekk biss titqies li qegħda tikkastiga lill-attur, imma biss treġġa' f'postu l-ekwilibriju tal-partijiet fl-aħjar istruzzjoni tal-ġudizzju. Wara kollox, kull min jiftaħ kawża kontra parti ohra (għalkemm forsi jittama għall-kuntrarju) dejjem jistenna li l-parti l-oħra, malli tirċievi l-atti tal-kawża, sejra tressaq il-kontestazzjoni tagħha;

Illi l-prinċipji li jirregolaw jekk il-kontumaċja hijiex bi ħtija jew le, ġew għadd ta' drabi mfissra u elenkati. Il-prinċipji huma li: (a) il-kontumaċja mhix ġustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuża; (ċ) li jeħtieġ li biex tkun ġustifikata tiġi murija raġuni ġusta għas-sudisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raġuni ġusta trid tissarraf f'impediment leġittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaċi; minbarra dan, (f) sabiex żball ikun meqjus bħala impediment leġittimu, irid ikun żball invinċibbli b'mod li (ġ) l-impediment leġittimu li jżomm lill-parti milli tressaq id-difiża tagħha jrid ikun dak li bnadi oħra ssejjaħ bħala *una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili*; u (ħ) li l-impossibilita' li l-imħarrek jikkontesta t-talba jew li jidher

[15] Ara App. Ċiv.: **21.5.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella pro et noe vs Vella*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.170**)
[16] Ara. P.A. S.P. **4.7.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Vella pro et noe vs Anthony Ellul***

għas-subizzjoni trid tkun gravi u fiżika jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss, waħda morali[17];

Illi sa minn dejjem, il-Qrati tagħna qiesu li jagħmlu differenza bejn il-kontumaċja b'tort u dik ġustifikabbli. Huma ssoktaw b'din il-linja wkoll sa dawn l-aħħar żminijiet u għarfu u fissru bejn dik il-parti mħarrka li turi disinteress assolut u l-oħra li turi kull fehma li tikkontesta l-kawża u li ma laħqitx għamlet dan jew ma laħqitx użat il-mezzi li tagħtiha l-liġi għal raġuni li ma kinitx taħti għaliha[18];

Illi dwar x'iwassal li kontumaċja titqies bħala waħda kolpuża, din il-Qorti tagħmel riferenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell f'sentenza tagħha tas-**7 ta' Marzu, 1994**[19], fejn inghad li "il-kolpa tikkonsisti fl-omissjoni tal-konvenut li, in konformita' mad-doveri imposti mil-liġi, jonqos li jagħmel l-arranġamenti neċessarji, fid-dar u fil-post tax-xogħol, biex jaslu għandu l-ittri reġistrati li jaslulu, jew meta jagħmel dawk l-arranġamenti imbagħad jonqos li jsir jaf b'dak li suppost ikun jaf. . . .Il-każijiet fejn ikun hemm nuqqasijiet pruvati tat-terzi persuni li jirċievu l-atti bil-posta, jitolbu konsiderazzjoni oħra, u li jridu jiġu risoluti skond il-konkretezza ta' kull każ";

Illi l-Qorti tifhem li l-qagħda ta' persuna kontumaċi hija waħda fejn dik il-parti tkun naqset milli tressaq il-kontestazzjoni tagħha għal kawża li tkun saritilha fiż-żmien li hu stabilit mil-liġi. Tifhem ukoll li r-regola taż-żmien li fih għandha titressaq dik il-kontestazzjoni hija waħda ċara u li t-tneħħija tal-kontumaċja (ukoll f'każijiet fejn ma jkunx hemm traskuraġni) hija eċċezzjoni għal dik ir-regola, li m'għandhiex titħalla li ssir ir-regola minflok ir-regola[20];

Illi min-naħa l-oħra, l-prinċipju ewlieni tal-ħaqq naturali tal-*audi alteram partem* jitfa' responsabbilta' mhux żgħira fuq

---

[17] Ara. Per eżempju App. Ċiv: **12.12.1975** fil-kawża fl-imsijiet ***Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi***; u P.A. G.V. **27.2.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Naudi Montaldo noe vs Emmanuel Xuereb***.
[18] Ara P.A. **9.12.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Gloria Beacom vs Anthony Spiteri Staines*** (Kollez. Vol: **LXXVII.iii.195**)
[19] Fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Delċeppo vs Onor. Raymond Bondin et***
[20] App. Ċiv. **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co Ltd.***

il-ġudikant li jgħarbel bl-akbar reqqa u qies xilja li twassal lil xi wahda mill-partijiet li tiġi miżmuma milli tressaq il-każ tagħha quddiem it-tribunal li jkun;

Illi fil-każ tal-lum ħareġ ċar li t-Tweġiba Maħlufa ma tressqitx minnufih għaliex kellha ssir laqgħa bejn il-partijiet (liema laqgħa kienet diġa' miftehma qabel ma l-imħarrek kien laqa' n-notifika tal-atti tal-kawża) u wieħed ried jara jekk matulha kienx jintlaħaq ftehim. Sa minn qabel ma saret dik il-laqgħa, Magro (permezz tal-avukat tagħha) kienet tat il-kelma li ż-żmien biex titressaq it-Tweġiba kien se' jittawwal u tat il-garanzija li din il-konċessjoni kienet torbot. Din il-konċessjoni reġgħet ittenniet erbat ijiem wara li kienet saret il-laqgħa li fiha ma ntlaħaqx qbil u fejn Magro għamlitha ċara li sejra tissokta l-kawża b'kull saħħa li tagħtiha l-liġi biex tikseb ilħlas pretiż minnha. Dik il-konċessjoni ngħatat b'seħħ milljum li fih kienet saret il-laqgħa u minkejja li l-imħarrkin kienu ħatru avukati ġodda biex jidhru għalihom wara li kienet saret l-istess laqgħa. It-Tweġiba Maħlufa tressqet tul iż-żmien ta' estensjoni mogħti minn Magro;

Illi Magro tiġġustifika t-talba tagħha għat-tneħħija mill-atti tat-Tweġiba Maħlufa tal-imħarrkin fuq il-fatt li, fit-Tweġiba Maħlufa tqanqlet kwestjoni preliminari dwar il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin fil-kwestjoni. Waqt is-sottomissjonijiet tiegħu dwar dan l-episodju, l-għaref difensur ta' Magro jgħid li t-talba għat-tneħħija tat-Tweġiba Maħlufa ma saritx b'md każwali, imma minħabba li r-rieda tajba li hija wriet biex titla' tiltaqa' mal-imħarrek f'Londra u li ttawwal iż-żmien bit-tama li tiffrankalu l-ispejjeż ġudizzjarji, sfat fix-xejn "minħabba t-teknikalita' tal-kwestjoni tal-ġurisdizzjoni" li ma kienet bl-ebda mod parti mill-aġenda tal-imsemmij laqgħa;

Illi, min-naħa tal-imħarrkin, l-għaref difensur tagħhom jisħaq li ladarba l-kwestjoni ta' l-ġurisdizzjoni ma kinitx imqar diskussa matul il-laqgħa f'Londra (għalkemm kienet issemmiet qabel fil-korrispondenza mibgħuta bejn il-partijiet), ma seta' qatt kien il-każ li t-tħollija li huma jressqu t-Tweġiba Maħlufa wara l-għeluq taż-żmien kienet kundizzjonata b'mod li ma jressqux dik l-eċċezzjoni. Żied

jgħid li fl-ebda waqt, lanqas wara li kienet saret il-laqgħa f'Londra, ma kienet saret xi kundizzjoni minn Magro marbuta mal-konċessjoni tagħha li t-Tweġiba titressaq wara li jgħaddu l-għoxrin jum min-notifika;

Illi l-Qorti jidhrilha li, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha u wkoll ħadet qies tal-konsiderazzjonijiet legali u ta' ħaqq li jsawru l-każ, ma tistax tilqa' t-talba ta' Magro. Fl-ewwel lok, huwa minnu li l-estensjoni ngħatat minn Magro mingħajr ebda kundizzjoni espressa jew imqar impliċita marbuta magħha. Mhux hekk biss, imma lil din il-Qorti ngħata ħjiel ta' dik l-estensjoni (waqt is-smigħ tat-23 ta' Ġunju, 2009) meta lanqas kienet għadha saret taf b'dak li kien għaddej bejn il-partijiet qabel inqala' dan l-episodju. Fit-tieni lok, meta ngħatat il-konċessjoni, l-imħarrkin ingħataw garanzija li dik l-estensjoni kienet torbot lil min taha u li kienet isserraħ moħħ min talabha li seta' joqgħod fuqha u tiswa fil-liġi tagħna. Il-bona fidi ma kinitx prerogattiva ta' parti waħda biss. Fit-tielet lok, il-fatt waħdu li ntalbet jew ingħatat il-konċessjoni biex l-att jitressaq bla xkiel wara ż-żmien turi li fl-ebda waqt l-imħarrkin ma warrbu l-ħsieb tagħhom li jikkontestaw il-kawża: ir-raġuni waħdanija li żammithom milli jressqu t-Tweġiba Maħlufa tul iż-żmien oriġinali wara n-notifika kienet it-tama li l-laqgħa li saret f'Londra tul iż-żmien imsemmi kienet tħalli frott u b'hekk wieħed jiffranka l-infieq żejjed fi spejjeż legali. Dan il-fatt, imma, jixhed ukoll li fl-ebda waqt l-imħarrkin ma wrew li kienu jaqgħu u jqumu mill-kawża jew li riedu juru kontumelja jew traskuraġni fi ħsieb ħwejjiġhom dwar din l-azzjoni. Fir-raba' lok, jekk l-għan fil-ħsieb ta' Magro li titneħħa t-Tweġiba Maħlufa mill-atti tal-kawża huwa dak li titneħħa kull riferenza għall-kwestjoni ta' ġurisdizzjoni, allura hawnhekk ukoll jonqos l-utilita' tat-talba tagħha, għaliex huwa magħruf li kwestjonijiet dwar il-ġurisdizzjoni huma ta' ordni pubbliku u ta' natura tali li jistgħu jitqajmu minn Qorti mqar *ex ufficio* u mqar jekk il-parti l-oħra tkun waqgħet kontumaċi. Fl-aħħarnett, it-Tweġiba Maħlufa tressqet fiż-żmien imtawwal kif hekk konċess minn Magro;

Illi l-fatt waħdu li tressqet Tweġiba Maħlufa u li ma tneħħietx mill-atti tal-kawża ma jfissirx b'daqshekk li kulma

jissemma fiha huwa mistqarr minn Magro jew milqugħ diġa' mill-Qorti. Tfisser biss li din il-Qorti tqis li t-tħaddim tar-regola tal-*audi et alteram partem* fi smigħ ta' kawża huwa valur ogħla mit-tqasqis, iċ-ċensura u t-tneħħija tal-atti ġudizzjarji mill-atti ta' kawża biex kawża tinqata' b'għaġġla u mhux neċessarjament b'ħaqq;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tipprovdi dwar l-episodju mressaq mill-kumpannija attriċi waqt is-smigħ tat-3 ta' Novembru, 2009 billi:

**Tiċħad it-talba** tal-kumpannija attriċi biex tordna t-tneħħija mill-atti tal-kawża tat-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin fl-1 ta' Lulju, 2009;

Bl-**ispejjeż** dwar dan l-episodju riżervati għas-sentenza tal-aħħar.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------